# Il-Ħadd 17.04.2016

1. Illum 17/04, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet**:
   Fil-Parroċċa tagħna ser infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI –**
   Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (418-il sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.
   - Fl-10:00am – Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali
     u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u tar-raħal tagħna.
   - Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 18/04: Triq Santa Marija, Triq il-Kenn.
   - It-Tlieta 19/04: Triq il-Ħajt Ruman, Triq il-Feniċi.
   - L-Erbgħa 20/04: Triq id-Dolmen, Triq Ġwann Zammit, Triq in-Newba.
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 22/04: Triq Ta' Ġawhar.

3. It-Tnejn 18/04:
   - Fis-7:15pm – Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.

4. It-Tlieta 19/04:
   - Fid-9:30am – Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.

5. Is-Sibt 23/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

6. Il-Ħadd 24/04, **il-Ħames Ħadd tal-Għid - Jum il-Karità**:
   - Tul din il-ġimgħa ser ikollna xi qfief madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw b'ġest ta' Karità u għajnuna tant bżonnjuża lid-Dar San Franġisk de Paule, Triq l-Imsida, B'Kara li sservi bħala Ċentru għal matul il-Jum għat-Tfal.
   - Barraminhekk, fuq sejħa li għamel Papa Franġisku, il-ġbir fil-quddies ta' dan il-weekend ser issir għall-Insara tal-Ukrajna, bħala espressjoni ta' solidarjetà ma' din il-Knisja mġarrba minn tant tbatija minħabba l-gwerra.

7. Il-Ħamis 28/04:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Pompej f'Marsaxlokk fejn ikollna Quddiesa, u wara Ikla f'restuarant f'Marsaskala. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

8. Is-Sibt 30/04:
   - Mis-7:30pm sat-8:30pm, fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena, il-Parroċċa tagħna qed tistedinkom għall-Kunċert 'VIA LUCIS' imtella' mill-Kor 'Sine Macula' b'mużika, kant u djalogi adatti għal żmien il-Għid. Mhux ta' min jitilfu.

9. Avviżi oħra:
   - Nerġa' infakkar li fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena, bħala Parroċċa qed norganizzaw Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 25/07 u s-Sibt 30/07. Min hu interessat jieħu sehem jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali u jipprovdi d-dettalji u d-depożit mitluba sa' tmiem dan ix-xahar.